MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Appell Civili - Ghawdex Numru. 34/1998/1

**Avviz numru 34/1998**

**Pardi Enterprises Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia u Michael Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Frar, 2003 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti;

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhomx huma jew min minnhom ihallsuha s-somma ta’ hames mitt lira Maltija

(Lm500) dovuta bhala bilanc minn prezz ta’ vettura tat-tip “Perdua Kancil” mixtrija minnek Joseph Farrugia minghand is-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta fl-4 ta’ Frar, 1998 u tal-ittra ufficjali spedita f’Marzu 1998.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Camilleri li eccepixxa illi huwa qatt ma xtara xejn minghand is-socjeta` attrici u maghha ma ghandu ebda relazzjoni guridika, u ghaldaqstant huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

B’riserva ta’ kwalunkwe eccezzjoni ulterjuri skond il-ligi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Joseph Farrugia li eccepixxa illi huwa ma ghandu jaghti ebda ammont lill-kumpanija attrici, stante li dawn huma dovuti mill-konvenut l-iehor.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob il-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas tas-somma ndikata fl-Avviz, rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta’ vettura mibjugha lill-konvenut Farrugia minn ghandha.

Filwaqt illi l-konvenut Farrugia jikkontendi li m’ghandu jaghti xejn ghax l-ammont mitlub huwa dovut mill-konvenut l-iehor Camilleri, l-istess Camilleri jsostni illi huwa m’ghandu xejn x’jaqsam man-negozju tax-xiri tal-

vettura li sar bejn Pardi Enterprises Limited u l-konvenut l-iehor.

Mill-provi migjuba rrizulta illi l-konvenut Farrugia mar ghand is-socjeta` attrici bil-hsieb li jixtri vettura gdida, filwaqt li jbiegh dik li kellu. Anton Azzopardi, direttur tas-socjeta` attrici, infurmah li huma ma kienux jixtru karozzi uzati, imma seta' jsiblu xi persuni interessati. Infatti sar jaf li l-konvenut Camilleri kien qed ifittex li jixtri van bhal dik li kellu Farrugia u qallu fejn seta' jsibu u biex isemmilu li kien baghtu hu, forsi b'hekk Farrugia jithajjar jixtri l-karozza gdida li ried minn ghandhom.

Camilleri hekk ghamel; il-van ta' Farrugia ghogbitu u ftehmu fuq prezz. Billi Farrugia baqa' bil-hsieb li jixtri karozza gdida minghand is-socjeta' attrici, ftehmu illi Camilleri jhallas il-prezz li qablu dwaru direttament ghand Pardi Enterprises akkont ta' dak li kien dovut minn Farrugia ghall-karozza l-gdida li kien ser jiehu. Camilleri hekk ghamel u mar hallas elfejn lira Maltija (Lm2000) ghand is-socjeta` attrici. Imma mis-somma miftehma bejn Farrugia u Camilleri kien ghad baqa` hames mitt lira (Lm500), appuntu s-somma ndikata f'dan l-Avviz, li huwa rrifjuta li jghaddi lis-socjeta` attrici, minhabba xi nuqqasijiet li jallega li sab fil-van li xtara minghand Farrugia.

Kif gia ntqal, ghalkemm il-konvenuti jammettu illi s-socjeta` attrici ghandha tieghu l-ammont reklamat, mhux jaqblu bejniethom min minnhom huwa dovut ihallas l-istess l-ammont. Il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u rat x'ghandhom xi jghidu l-kontendenti f'dan ir-rigward, jidhrilha li ghandha taqbel ma' dak li jsostnu l-konvenut Camilleri u l-istess socjeta` attrici. Il-provi kollha juru illi s-socjeta` attrici innegozjat unikament mal-konvenut Farrugia. Kien huwa li xtara l-karozza l-gdida minn ghandha u ghalhekk huwa naturali li ghandu jkun hu li jhallas ghaliha. Huwa minnu li s-socjeta` attrici accettat parti sostanzjali mill-prezz minghand Camilleri, izda b'daqshekk ma kenitx qed issir kompartecipi fil-ftehim ta' bejn il-konvenuti.

Jidher illi dan il-ftehim li Camilleri jghaddi l-flus li kellu jaghti lil Farrugia direttament lis-socjeta` attrici, kien arrangament li sar biss ghall-konvenjenza u l-pratticita` biex ma jkunx hemm skarigg inutili ta' flus u ghall-ebda raguni ohra. Ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet li xi debitu jew kreditu ta' parti jghaddi ghand xi parti ohra. L-arrangament kien biss dwar il-modalita` tal-pagament u mhux xi assenjazzjoni ta' krediti. Il-hlas in parti maghmul minn Camilleri kien qieghed jigi maghmul minn terza persuna kif ikkontemplat fl-artikolu 1148(2) tal-Kap. 16. Imma b'daqshekk ma kienet qed issir ebda assenjazzjoni jew cessjoni ta' crediti jew debiti, ghax imkien ma rrizulta li din kienet l-intenzjoni tal-partijiet. Fi kwalunkwe kaz l-artikolu 1470 tal-Kodici Civili jirrikjedi l-kitba biex issir cessjoni jew bejgh ta' kreditu, ta' jedd jew ta' azzjoni, u anqas ma ngiebet ebda prova dwar dan. Is-socjeta` attrici ma seta' jkollha xejn x'taqsam mal-kwistjonijiet li kien hemm bejn il-konvenuti dwar l-allegati nuqqasijiet fil-van mibjugha minn Farrugia lil Camilleri. Dan kellhom jarawh huma biss f'gudizzju separat jekk ikun il-kaz.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tillibera lill-konvenut Michael Camilleri mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor Joseph Farrugia u tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mitt lira maltija (Lm500) dovuti bhala bilanc minn prezz tal-vettura ndikata fl-Avviz mixtrija minghand is-socjeta` attrici mill-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fl-4 ta' Frar 1998 u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Marzu 1998 kontra l-istess konvenut Farrugia."

Il-konvenut Joseph Farrugia appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Huwa jikkontendi li l-ftehim konkordat kien wiehed tripartitiku li nvolva lill-kontendenti kollha u l-ftehim kien li l-konvenut l-iehor Michael Camilleri jghaddi l-hlas relatat mal-kontrattazzjoni ta' bejniethom direttament lis-socjeta' attrici, li minn ghandha hu xtara karozza gdida.

Brevement il-fatti li taw lok ghal din il-kawza jikkonsistu f'dawk rakkontati fis-sentenza attakkata, u cjoe`:-

i. L-appellanti rrikorra ghand is-socjeta` attrici biex jixtri karozza gdida, b'dan li hu jiddisponi mill-van 'second hand' li kellu;
ii. Is-socjeta' attrici ma kienetx interessata tixtri vetturi uzati, pero laqqghet lill-appellant mal-konvenut Michael Camilleri li ried jixtri van konsimili ghal dak tal-istess appellant;
iii. Intlahaq qbil bejn iz-zewg konvenuti fis-sens li Camilleri xtara l-van minghand l-appellant u ikkonkordaw li l-prezz pattwit ta' elfejn u hames mitt lira (Lm2500) jithallas direttament lis-socjeta' attrici peress illi l-appellant iddecieda li jixtri minghand din is-socjeta` vettura gdida.
iv. Il-konvenut Camilleri hallas elfejn lira (Lm2000) direttament lis-socjeta' attrici u rrifjuta li jhallas il-bilanc ta' hames mitt lira (Lm500) peress li jikkontendi li l-van mixtri minnu minghand l-appellanti kellu difetti u nuqqasijiet.
v. Minn naha tieghu l-appellanti jsostni li hu hallas lis-socjeta` attrici d-differenza tal-prezz bejn l-ammont fuq indikat ta' Lm2500 u l-valur tal-vettura gdida li xtara u ghalhekk ghal din ir-raguni huwa ssodisfa d-debitu tieghu.

Minn ezami ta' dawn il-provi dak li jitrapela minnhom bhala haga certa hu l-fatt li s-socjeta` attrici ghad baqalha tircevi s-somma bilancjali ta' hames mitt lira (Lm500) fir-rigward tal-bejgh tal-vettura gdida lill-appellanti. Mhux lanqas post in diskussjoni l-fatt illi l-konvenut, jew xi wiehed fosthom, hu obbligat ghal dan il-hlas.

F'kawza bhal din jinhass impellenti li tigi precizata l-figura guridika li assumew fil-konfront tas-socjeta` attrici z-zewg konvenuti.

Huwa sintomatiku mill-analisi tal-provi in atti illi kaz bhal dan jaghti lok ghal diversi sitwazzjonijiet possibbli. Certament, iqajjem ukoll bosta domandi. Ad exemplum:-

(i) jekk il-posizzjoni assunta mill-konvenut Camilleri tistax titqies li tammonta ghal wahda ta' assunzjoni tad-

dejn, ossija kif kien maghruf fid-dritt Ruman, dik "constitutum debiti alieni;
(ii) jekk tali assunzjoni kienetx inkondizzjonata, o meno;
(iii) jekk l-istess assunzjoni tal-obbligazzjoni tal-hlas irrendietx lill-konvenut Camilleri debitur principali vis-à-vis s-socjeta` attrici;
(iv) jekk din l-assunzjoni kienetx accettata mis-socjeta` attrici b'mod li tali accettazzjoni kellha allura titqies li s-socjeta` attrici abbandunat kull dritt di fronte ghax-xerrej u debitur principali taghha, ossija l-appellanti;
(v) ukoll tinsorgi l-mistoqsija jekk l-istess assunzjoni, jekk tabilhaqq kien hekk il-kaz, kienetx sottoposta ghal xi patt jew kondizzjoni tal-kontrattazzjoni interna bejn iz-zewg konvenuti.

Dawn id-domandi kollha, u ohrajn tal-istess ghamla u natura li kapaci jsiru jiddependu ghat-twegibiet taghhom minn dak avvenut bejn il-partijiet.

Jirrizulta illi kien hemm zewg kontrattazzjonijiet. Wahda bejn il-konvenuti korrelatata mal-kompra-vendita` tal-van 'sekonda man' u li fiha s-socjeta` attrici ma kkoinvolgietx ruhha, hlief limitatament biex ressqet liz-zewg konvenuti flimkien. Il-kontrattazzjoni l-ohra saret bejn l-appellanti u s-socjeta` attrici biss u l-konvenut Camilleri ma immiskjax ruhu. Kif logikament manifest iz-zewg kontrattazzjonijiet huma 'toto coelo' kontraddistinti minn xulxin. Dak li jikkaratterizza l-wahda u l-ohra huwa l-fatt illi fit-tnejn sar bejgh u fit-tnejn iz-zewg konvenuti, ghalkemm separatament minn xulxin, kienu debituri: l-konvenut Camilleri versu l-appellant u dan tal-ahhar versu s-socjeta' attrici.

Kif taraha din il-Qorti, tenut rigward tal-aspetti singolari ta' dan il-kaz, il-konvenut Camilleri, debitur tal-appellanti, ma ghamel l-ebda assunzjoni tad-debitu li l-appellanti kellu vis-à-vis s-socjeta` attrici. Is-sitwazzjoni hawn prospettata ghandha aktar minn dik ta' "delegatio solvendi" milli ta' "constitutum debiti alieni".

In bazi ghal din il-konfigura guridika l-appellanti ddelega lill-konvenut Camilleri biex ihallas direttament lis-socjeta`

attrici dak li hu kellu jiehu minn ghandu. B'dan il-mandat konferit lilu Camilleri ntrabat u obbliga ruhu li jissalda d-debitu tal-appellanti fir-rigward tas-socjeta` attrici. Dan pero` ma jfisserx illi l-kreditur huwa marbut b'din id-delega jew li minhabba fiha huwa prekluz milli jfittex lid-debitur principali tieghu. L-accettazzjoni tad-delegatarju ma ggib l-ebda vinkolu fuq il-kreditur u d-delega tibqa' biss kwestjoni bejn id-debitur u t-terz.

Fil-Kodici Civili taghna l-materja hi raffigurata f'dak dispost fl-Artikolu 1148 (2) tieghu. Dan fis-sens li "l-obbligazzjoni tista' wkoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkolliex interess fiha, basta li din il-persuna tagixxi fl-isem u ghall-helsien tad-debitur, jew, jekk tagixxi fl-isem taghha nfisha, basta li ma tigix imdahhla fil-jeddijiet tal-kreditur".

Minn dan it-test tal-ligi huwa desumibbli illi l-kreditur la jista' jaderixxi u lanqas jirrifjuta l-offerta tal-hlas mit-terz. Dan huwa argomentat ukoll minn dak precizat fl-Artikolu 1149 (1) tal-Kap 16. F'kull kaz pero` l-obbligu tal-pagament jibqa' guridikament dejjem fuq id-debitur tal-kreditur.

Id-delegazzjoni hi perfezzjonata bil-kompartecipazzjoni tad-debitur u t-terz biss izda tikkompleta ruhha bl-indikazzjoni lill-kreditur tat-terza persuna li lilha d-debitur jiddelega biex thallas. Il-partecipazzjoni tal-kreditur mhiex rekwizit ghal finijiet tal-istess delega, u anzi ma hijiex rikjesta biex tissussisti d-delegazzjoni. Hi pero` necessarja l-adezjoni tad-delegatarju intiza bis-semplici accettazzjoni tad-delegazzjoni.

Riportati dawn l-osservazzjonijiet ghal kaz partikolari hawn ezaminat ghandu jfisser li l-konvenut Camilleri gie delegat iva mill-appellant biex ihallas dak dovut mill-appellant lis-socjeta` attrici – u effettivament thallas mill-istess Camilleri parti mis-somma hekk dovuta – izda b'daqshekk l-appellanti ma giex ezonerat mill-obbligu li jhallas kull bilanc, f'kaz ta' nuqqas ta' versament tal-hlas da parte ta' Camilleri, delegatarju tieghu. F'sitwazzjoni bhal din l-appellanti ma jistax jippretendi li hu ma baqalux

x’jaqsam mal-pagament reklamat. Lanqas ma jista` jippretendi li s-socjeta` attrici ghandha toqghod tikkontempla l-qaghda sakemm huwa u l-konvenut l-iehor jirrizolvu l-kontroversja ta’ bejniethom.

Ghal dawn il-motivi kollha fuq riportati bhala kunsiderazzjonijiet ta’ fatt u ta’ dritt, l-appell interpost mill-konvenut Joseph Farrugia qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------